

Brussell, 16 ta' April 2015
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2015/0081 (NLE)**

8001/15
ADD 1

MAR 47
TRANS 131

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	16 ta' April 2015
lil:	Is-Sur Uwe CORSEPIUS, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2015) 159 final Anness 1
Suġġett:	ANNEX II-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port għall- Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2015) 159 final Anness 1.

Mehmuż: COM(2015) 159 final Anness 1



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.4.2015
COM(2015) 159 final

ANNEX 1

ANNEX

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port

għall-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port

ANNEX

Il-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port

għall-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat tal-Kontroll tal-Istat tal-Port tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll mill-Istat tal-Port

PRINCĪPI TA' GWIDA

Fil-qafas tal-Memorandum ta' Ftehim ta' Pariġi dwar il-Kontroll tal-Istat tal-Port (PMoU), l-Unjoni għandha:

- (a) taġixxi skont l-għanijiet segwiti mill-Unjoni, b'mod partikolari biex ittejjeb is-sikurezza marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol abbord permezz ta' tnaqqis drastiku tan-numru ta' vapuri substandard billi tapplika b'mod strett il-Konvenzjonijiet u l-kodiċijiet internazzjonali;
- (b) tippromwovi l-implimentazzjoni ta' approċċ armonizzat mill-Membri tal-PMoU għal infurzar effettiv ta' dawn l-istandards internazzjonali fir-rigward ta' vapuri li jbaħħru taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom u li jużaw il-portijiet tagħhom;
- (c) taħdem flimkien fi ħdan il-PMoU biex tinkiseb sistema ta' spezzjoni komprensiva filwaqt li l-piż tal-ispezzjoni jinqasam b'mod ekwu b'mod partikolari bl-adozzjoni ta' impenn annwali ta' spezzjoni mħejjija b'konformità mal-metodoloġija maqbula stipulata fl-Anness 11 tal-PMoU;
- (d) taħdem fi ħdan il-PMoU biex tippromwovi r-reklutaġġ, iż-żamma u t-taħriġ mill-membri tal-PMoU tan-numru meħtieġ ta' persunal, inklużi spetturi kwalifikati, b'qies tal-volum u l-karatteristiċi tat-traffiku tal-bastimenti f'kull port;
- (e) tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan il-PMoU huma konsistenti mal-liġi internazzjonali, u b'mod partikolari mal-konvenzjonijiet u l-kodiċijiet internazzjonali dwar is-sigurtà marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol abbord;
- (f) tippromwovi l-iżvilupp ta' approċċi komuni ma' korpi oħra li jwettqu Kontrolli tal-Istat fil-Portijiet;
- (g) tiżgura l-koerenza ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari mar-relazzjonijiet esterni, is-sigurtà, l-ambjent u oħrajn.

ORJENTAZZJONIJIET

L-Unjoni għandha tagħmel hilita sabiex tappoġġa l-adozzjoni tal-azzjonijiet li ġejjin mill-PMoU

1. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel minn sena għal sena tar-reġim tal-kontroll tal-Istat tal-port tal-UE skont id-Direttiva 2009/16/KE:
 - (a) L-elementi li ġejjin ta' profil ta' riskju ta' vapur jintużaw biex jiġi deċiż liema basimenti jiġu mmirati għal spezzjoni:
 - (1) il-lista tal-bandieri bojod, griżi u suwed skont il-formula li ġiet żviluppata mill-PMoU u stabbiliti fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 801/2010 tat-13 ta' Settembru 2010 li jimplementa l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kriterji tal-Istat tal-bandiera¹ ;
 - (2) il-lista ta' prestazzjoni ta' organizzazzjonijiet rikonoxxuti skont il-metodoloġija adottata mill-PSCC matul il-PSCC 37 f'Mejju 2004 (Punt fuq l-Aġenda 4.5.2);
 - (3) il-proporzjon medju tad-defiċjenza u d-detenzjoni għall-formola tal-prestazzjoni tal-kumpanija abbażi tal-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 802/2010 tat-13 ta' Settembru 2010 li jimplementa l-Artikolu 10(3) u l-Artikolu 27 tad-Direttiva 2009/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-prestazzjoni tal-kumpanija², kif emendata.
 - (b) Jiġi żgurat li kwalunkwe tibdil jew aġġornament tal-proċeduri u l-linji gwida tal-PMoU jkunkonsistenti mal-għanijiet segwiti mill-Unjoni, b'mod partikolari biex jittejbu s-sikurezza marittima, il-prevenzjoni tat-tniġġis u l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol abbord.
2. Fuq medda ta' żmien medja, jiġi żviluppat metodu alternattiv għat-tfassil ta' listi bojod, griżi u suwed tal-Istati tal-bandiera sabiex dawn ikunu aktar ġusti, b'mod partikolari fir-rigward ta' Stati tal-bandiera bi flotot żgħar.

¹ ĠU L 241, 14.9.2010, p. 1

² ĠU L 241, 14.9.2010, p.4